

Permezz ta' digriet tas-26 ta' Marzu 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) ordnat:

L-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriteriji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbi li biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajiż terz jew persuna apolida, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jadotta, fir-rigward ta' applikant li jkun ippreżenta rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment lejn Stat Membru ieħor fis-sens tal-Artikolu 26(1) ta' dan ir-regolament, miżuri preparatorji għal dan it-trasferiment, bħall-għoti ta' post fi struttura ta' akkoljenza spċċifika li fi ħdanha l-persuni li jingħataw akkomodazzjoni jibbenfikaw minn sostenn sabiex jippreparaw it-trasferiment tagħhom.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (I-Awstrija) fid-9 ta' Marzu 2021 – RW vs Österreichische Post AG

(Kawża C-154/21)

(2021/C 217/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: RW

Konvenut: Österreichische Post AG

Domanda preliminari

L-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 2016/679 tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt ta' aċċess huwa limitat għall-informazzjoni dwar kategoriji ta' destinatarji, jekk id-destinatarji konkreti ma jkunux għadhom ġew stabbiliti fil-każ ta' żvelar previst, iżda fejn id-dritt ta' aċċess għandu imperattivament jestendi għad-destinatarji ta' dan l-iżvelar, meta d-data tkun digħi għejt żvelata?

⁽¹⁾ ĠU 2016, L 119, p. 1, rettiffika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fil-11 ta' Marzu 2021 – Ministerio Fiscal, Abogacía del Estado y Partido político VOX vs Lluís Puig Gordi, Carles Puigdemont Casamajó, Antoni Comín Oliveres, Clara Ponsatí Obiols, Meritxell Serret Aleu, Marta Rovira Vergés u Anna Gabriel Sabaté

(Kawża C-158/21)

(2021/C 217/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ministerio Fiscal, Abogacía del Estado u Partido político VOX.

Konvenuti: Lluís Puig Gordi, Carles Puigdemont Casamajó, Antoni Comín Oliveres, Clara Ponsatí Obiols, Meritxell Serret Aleu, Marta Rovira Vergés u Anna Gabriel Sabaté.